## Ħarsti lejn l-art

Ħarsti lejn l-art u bl-ikbar qima f'qalbi
irrodt il-ħajr għall-ħniena tal-Mulej
li għal nofs seklu sħiħ semgħet 'il talbi
biex nibqa' sas-smewwiet dejjem qaddej.
Lilkom ukoll inrodd il-ħajr, u nwiegħed
li fit-talb tiegħi ma ninsiekom qatt.
Lilkom li l-għemil tagħkom f'qalbi qiegħed
U minn ġo qalbi m'hu se jwarrab ħadd.

***Ġorġ Zammit***
(22 ta' Awissu 1989)

## Lill-Mewt

Issaltan fuq kulħadd u fuq il-ħajja
Waħdieni mal-bnedmin l-amar ta' dinek,
Issejjaħ lil min trid bla ħadd jaf ħinek
Sabiex f'art in-nessejja jtemm il-ġrajja;

Xejn int bħas-sebħ mistenni f'waqtu u miegħu
Iġib bbiex lilna twennes b'dija u sħana
ix-xemx ħanina tgħaddi s-sigħat magħna
sa jiġi l-lejl darb'oħra bid-dlam tiegħu;

Dejjem tal-waqt ir-rieda; b'idha mdehba
Kemmxejn tmissha l-ħarifa u taqa' l-werqa,
U hekk id-dielja taqbad tinża' b'ħerqa,
Biss int bla heda tgħix tal-ħsad ir-regħba;

Bla waqt u bla twissija l-minġel tiegħek
ħabrieki dejjem bla ma jgħejja driegħek.

***J.Zammit Tabona***

## Tifkira

Meta kont għadni tfal
U f'hoġrok kont insib kulma nixtieq,
U niftakar, darba minnhom,
Fil-wens tal-bitħa sajfija
Għad-dell tal-lewża għammilija,
ħarġet minn fommi l-mistoqsija:
"Meta mmutu, bilfors il-ġenna
ċrridu mmorru, Ma?
Għaliex ma nibqgħux dejjem hawn
Ingawdu l-kenn li tagħti din il-bitħa?"

Niftakar sew tjubitek, għax
Kif rajtni mħassba żżejjed
Fuq problema ta' dis-sura
Qbadt qtajtli fil-qosor:
"la mmutu mmorru fejn irridu,"
għedtli, -u jien u int fil-bitħa nerġgħu lura."

U issa li jien kbirt, u sibt
Il-kenn f'ħoġor ħaddieħor,
U issa li inti tlaqt
U taf tassew tweġibli l-mistoqsija,
Tinsinix minn fejn tinstabb
Sabiex fil-waqt li mfassal hemm għalija
Nkun nista' nagħraf dik it-triq moħbija
Li twassal ħdejk, fil-ġenna tat-tfulija.

***Lillian Sciberras***

## Il-Pitirross

...Dok l-għasfowr...
l'għandik hemġawwa...
ruħaj!
dok qisew il-pi-tir-russ,
għasfowr tal-bnazzoj
dok...
jiġi biss għas-sojf
ta' San Martujn!
Jitle' jitperreċ fuq siġre
Qishe dejk tiegħew biss,
jiġġieled ġliede
mal-għasowfar killhe
u x'hin jiftellew
jitleq!